A

| | |
|---|---|
| **Il-klassi** | **Form 3, Mr Steve Tabone** |
| **Id-data** | **Il-Hamis 29 ta' April 2010** |
| **It-titlu tal-lezzjoni** | **It-Trasport f'Malta.** |
| **It-tul tal-lezzjoni** | **Siegħa u nofs.** |
| **It-tħejjija minn qabel** | **L-istudenti m'humiex se jkunu mitluba biex jippreparaw xi materjal minn qabel.** |
| **Ir-riżorsi** | **It-*timeline* bl-istampi u t-termini; ir-ritratti; il-flexkards tat-tombla; il-karta tat-taħriġ; il-bord u l-marker.** |

B

| **Il-Kriteriji ta' l-Assesjar** | **L-Oġġettivi:** |
|---|---|
| | **L-Informazzjoni/Il-Fatti** |
| **It-*timeline;***<br>**Il-karta tat-taħriġ.** | **Jidentifikaw il-mezzi differenti tat-trasport li żviluppaw f'pajjiżna matul iż-żmien** (SEKWENZA). **Jgħidu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom missirijietna** (PRECIZJONI).<br><br>**Il-kaless; L-omnibus; It-trejn; It-tramm; Il-karozzi tal-linja; Il-karozzi; Il-laneċ; It-trasport bejn Malta u Għawdex.** |
| | **Il-Kunċetti/L-Abiltajiet** |
| **Ir-ritratti**<br>**Il-logħba;**<br>**Il-karti tat-taħriġ.** | • **Il-Vokabularju**<br>• **Il-Bidla** |

Ċ

## Introduzzjoni:

Nuri nagħla taż-żwiemel u karozza moderna. Minn hemm nistaqsi:

- X'hemm komuni f'dawn iż-żewg mezzi tat-trasport? X'hemm differenti?
- X'tista' tagħmel bihom?
- Liema taħseb li hu l-iktar mezz li kien jintuża? U llum?
- Għaliex illum ma tantx għadna nużaw iż-żwiemel bħala mezz tat-trasport?

(TEKNIKA)

Ikolli *time line* mal-ħajt mill-aħħar snin ta' l-Ordni ta' San Ġwann, sa l-ewwel mitt sena ta' żmien l-Ingliżi. Nistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'qegħdin taraw fuq il-bord?
- Minn meta sa meta?
- Liema mezz ta' trasport taħseb li jista' jidħol fit-*timeline?* Għaliex?
- Nipponta lejn id-data 1910 u nistaqsi: Hawnhekk tieqaf l-Istorja ta' Malta? Għaliex, le? hemmhekk jieqaf l-iżvilupp fil-mezzi tat-trasport?
- Sa fejn taħsbu li tkompli l-Istorja ta' Malta? Għaliex?
- Għaliex nafu kif dawn il-perjodi differenti jiġu wara xulxin?
- Ngħidilhom ukoll li miegħi ser niffukaw l-aktar lejn dawn l-aħħar mitt sena ta' storja.

D

# L-Iżvilupp tal-Pjan tal-Lezzjoni

## Pass 1:

Inkompli l-lezzjoni billi nwaħħal *timeline* bi stampi tal-kartuns li huma:

1. is-suġġetta, il-karettun/il-kaless (is-suġġetta u l-kaless għas-sinjur, filwaqt li l-karettun għall-bidwi)
2. L-omnibus u l-karozzin (beda fl-1857-l-ewwel transport pubbliku f'Malta.)
3. il-ferrovija (bdiet fl-1883 li kienet taħdem bil-faħam u kien hemm biljetti ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet klassi)
4. it-tramm (beda jeżisti fl-1903. Dan kien jaħdem bl-elettriku fuq linji tal-ħadid)
5. ix-Xarabank (bdiet teżisti fl-1905, għal kull destinazzjoni kien hemm kulur partikolari)

Niftaħ diskussjoni:

- Minn dan kollu x'nistgħu ngħidu?

- Għaliex taħsbu li ħafna mill-mezzi tat-trasport m'għadhomx jintużaw ġewwa pajjiżna?

Din it-*timeline* inħalliha fejn hi.

## Pass 2:

Kull student nagħtih żewg ritratti li barra li jikxfu l-iżvilupp li seħħ fl-istess post, jikxef ukoll l-iżvilupp tat-trasport f'Malta. Kull rappreżentant fil-grupp irrid jiġi mat-*timeline* u jdawwar l-istampa li tixbah il-mezz tat-trasport fir-ritratt tiegħu. (PRECISION)

## Pass 3:

Minn hemm suppost jifdalli xi stampi mhux imdawra. Hawnhekk nispjega li diment li baqgħu hawn dawn ma kienux jintużaw fi żmien l-Ingliżi. Minn hemm nista' nistaqsi xi mistoqsijiet:

- Għaliex taħseb li kien hemm dan l-iżvilupp?
- Għaliex lejn l-aħħar bdew jintużaw l-aktar ix-xarabanks?
- Għaliex taħseb li kienu ta' kulur differenti?
- Għaliex taħseb li t-tramm jew il-ferrovija m'għadhomx jeżistu f'pajjiżna?
- Hemm xi transport partikolari li ilu minn żmien il-kavallieri u għadna nużawh sal-lum il-ġurnata? Għaliex taħseb għadna nużawh?

## Pass 4:

Nagħmel sunt tal-lezzjoni permezz ta' logħba. Neqleb it-timeline bil-kontra biex ikolli t-termini li nkun għamilt fil-lezzjoni. Kull student nagħtih flexkard b' numru u stampa. Insejjaħ 6 numri li huma:

l-omnibus-12(Ma' liema kelma fuq il-bord taqbel ma' dik li għandek fl-istampa? Għaliex?)

Il-karozzin-16

It-tramm-2

Il-light car-10

ix-xarabank-13

Il-ferrovija-18

Il-karettun-6

Permezz ta' l-istampa li għandhom fil-flexkard jiġu mal-bord u jdawru dik il-kelma li taqbel (eżempju min għandu tramm idawwar il-kelma TRAMM, u l-bqija).

## Pass 5:

L-istudenti jpinġu xi mezz tat-trasport li jridu (TEKNIKA)

## L-Għeluq :

Inqassam karta tat-taħriġ. Flimkien ma' l-istudenti nispjega x-xogħol għad-dar. Jekk ikun hemm ħin jistgħu jibdew l-attivitajiet.

E

## Ix-Xogħol għad-Dar:

Il-karta tat-taħriġ li tinġabar d-darba ta' wara.

F